MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Numru. 605/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Joseph Attard ta' 39 sena, iben Joseph u Rose nee Muscat imwieled ir-Rabat fl-10 ta' April, 1963, u joqghod f'Azzopardi Court, Flat No. 6, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 230463 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Attard li gie akkuzat talli f'Ottubru, 1999 u fix-xhur ta' wara f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq

iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn Lm 9,000 ghad-dannu tas-socjeta' Satours International, Anthony Sammut u persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309, 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji rat ukoll illi l-akkuzat ta l-kunsens ghal tali proceduri.

Rat ukol illi l-akkuzat wiegeb li hu ma hux hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet ix-xhieda kollha, semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi fil-mori ta' din il-kawza l-akkuzat hallas is-somma mertu ta' l-akkuza lill-claimant Anthony Sammut inkluz anke spejjez legali marbuta ma' kawza civili u l-interessi legali marbuta ma' l-istess kawza.

Illi pero' nonostante l-hlas jibqa' xorta l-fatt li l-akkuza trid tigi ezaminata mill-punt legali taghha.

L-akkuzi addebitati lil Joseph Attard huma dawk ipprospettati taht l-artikoli 308, 309, 310 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi harsa lejn dawn l-artikoli ghajr ghall-artikolu 310 li huwa cirkostanzi aggravanti ta' l-artikoli precedenti, wiehed immedjatament jinduna illi rekwizit necessarju biex jigi kostitwiti dawna l-artikoli huwa l-element ta' qerq, ovvjament fil-kaz ta' l-artikolu 308, barra rekwisiti ohra. Certament pero' jekk il-Qorti thares lejn l-inqas rekwisit neccassarju u komuni fl-istess artikoli, cioe dak ta' qerq,

jirrizulta b'mod car mill-provi prodotti illi hawn huwa karenti.

Huwa fatt illi Attard hareg cheques li ma gewx onorati, jghid pero illi hu ma kienx jaf li fil-kont tieghu ma kellux flus, anzi jwiegeb fl-istqarrija li ma jiftakarx.

Pero' dawn il-fatti per se, la li c-cheques ma gewx onorati u wisq anqas ir-risposta li ma jiftakarx dwar l-istat tal-kont tieghu ma jipprovaw ebda wahda mir-rekwisiti mehtiega fl-artikoli 308, 309 tal-kap 9 u ghalhekk qieghed jigi liberat mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------